Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,637, 27 ta' Awwissu, 2010
Taqsima B

A.L. 407 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Performance Studies (Dance) taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Mediterran

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Mediterran bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Performance Studies (Dance) taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Mediterran.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tal-Mediterran;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Performance Studies (Dance);

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Performance Studies (Dance);

"l-Istitut" tfisser l- Istitut tal-Mediterran;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Performance Studies (Dance); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom jew:

(a) il-grad ta' Bachelor fiż-Żfin jew f'qasam relatat maż-Żfin, għall-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) jew f'Kategorija II; jew

(b) il-grad ta' Bachelor f'qasam ieħor għajr iż-Zfin *jew qasam relatat maż-Żfin, għall-anqas fit-Tieni Klassi (bl-Unuri) jew f'Kategorija II,* flimkien ma' evidenza ta' esperjenza sostanzjali fiż-Żfin; jew

(ċ) kwalifika/i professjonali u/jew esperjenza meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li tissodisfa parti mir-rekwiżiti għad-dħul fil-Kors, sakemm li l-applikanti jkunu meħtieġa jtemmu programm preparatorju teoretiku kif speċifikat fl-ordinament 4.

(2) L-applikanti kollha li m'jkollhomx grad tal-ewwel ċiklu fiż-Żfin ikunu intervistati u jkollhom *audition* minn bord magħmul mill-anqas minn tliet membri. L-applikanti jkunu mitluba li jipprovdu evidenza tal-esperjenza professjonali tagħhom fiż-Żfin permezz ta' VHS jew DVD.

Il-Programm Preparatorju

4. (1) Il-programm preparatorju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 30 kredtu u huwa suġġett ukoll għar-Regolamenti Prinċipali.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa li jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja globali ta' 55% jew aħjar qabel ir-reġistrazzjoni tagħhom għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq ħames semestri ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu, li minnhom 60 kredtu huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 kredtu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

(4) Il-Kors għandu jkun offrut permezz ta' tagħlim dirett u permezz ta' *distance learning* kif ġej:

(a) sitt perijodi ta' studju intensivi ta' ġimgħatejn kull wieħed li jsiru fl-Università ta' Malta; u

(b) il-kumplament tat-tagħlim għandu jiġi mogħti permezz ta' *distance learning*.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-sena akkademika li fiha ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kredtu għat-taqsimiet studju mgħallma jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fl-ewwel opportunità prattikabbli, kif determinat mill-Bord.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-aħħar ta' Ottubru tat-tieni sena akkademika tal-Kors.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapport dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom tlett xhur qabel is-sottomissjoni. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.